MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 234/2010

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta’ Mejju 1993 u li minn dan iz-zwieg kellhom proli wiehed; illi l-kontendenti isseparaw konsenswalment b’kuntratt ippublikat fil-15 ta’ Frar 2005 ; Illi kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew/u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, u/jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha

impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed jitlob li dan iz-zwieg jigi ddikjarat null u bla effetti ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; tordna li din id-dikjarazzjoni ta' nullita' tkun registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv ; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata fejn eccepiet illi: safejn taf hi, l-kunsens taghha ghaz-zwieg mar-rikorrenti ma kien bl-ebda mod ivvizzjat u ghalhekk hija ma taghtx lok ghall-annullament taz-zwieg taghha ; illi kien ir-rikorrenti li ta lok ghall-annullament.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Mejju 1993 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta ma topponiex imma tghid li kien l-attur li ta' lok ghall-annullament u jispetta ghalih illi jressaq provi dwar dan.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom seba [7] snin johorgu flimkien qabel iz-zwieg. Ippreparaw ghaz-zwieg u wara tlett snin twieldet tarbija. Kienu it-tnejn impenjati bis-shieh f'xogholhom l-aktar biex ihallsu id-dejn li kienu dahlu ghalih biex xtraw id-dar matrimonjali. Il-hajja konjugali damet tnax [12] il-sena, u waqqfet hesrem meta l-attur iddecieda li jitlaq mid-dar u jkompli relazzjoni extra-matrimonjalili kien beda qabel. .

*Verzjoni Attur*:

Jiddiskrivi lilu nnifsu bhala 'introvert hafna u ta' self esteem baxx'[1]. Ta' 17 il-sena, wara li kien hassar ma' tfajla li kien jingieb hafna maghha beda johrog mal-konvenuta; ma kienx hemm xi 'spark' imma sabu '*wens ghas-solitudni taghna f'xulxin*'[2]. Jistqarr li ma kienx ihossu komdu maghha, imma ma kienx jghidilha ghax beza li jweggahha u wkoll beza' li jibqa' wahdu. Wara disa' [9] xhur b'rizultat ta' pressjoni minn naha tieghu, bdew ikunu intimi ma' xulxin. Ghalkemm l-gherusija damet 7 snin in-namur kien limitat immens; kien ihoss apatija u b'din ma fetah qalbu ma' hadd. Jiddeskrivi l-karattru taghha bhala kwiet u jammetti li kien jirispettaha.

Jghid li, ghalkemm kien hemm l-apatija u nuqqas ta' imhabba vera bejntiethom, huwa ceda ghall-pressjoni tal-genituri u ddecida li jizzewweg – *'Jiena kont ghidtilha x'se naghmlu next step ilna 7 snin flimkien, nizzewgu jew le u qaltli alright nizzewwgu……kellna vicin il-25 sena dak iz-zmien. Jiena dejjem xtaqt li jkolli familja nizewwgu…..Jiena izzewwigt ghax umbaghad iddejjaqt gharus, kemm se ddum gharus ma nafx x'se jigri minni fil-hajja*.'[3]. Biex ma jiddizzappuntax lil ta' madwaru, kien jghidilha li jhobbha sabiex jevita l-inkwiet u l-buri.[4]

Jghid li fil-honeymoon iltaqghu ma' problemi sesswali u ma setghux ikomplu – dejjem kienet iggieb l-iskuzi u kellhom jigu hamest-ijiem qabel peress li immissjat lill ommha.

Maz-zmien il-konvenuta bdiet tintelaq u titraskura gisimha u tonqsu mill-attrazzjoni u din kienet tkiddu u meta kien jghidilha kienet tibki – *'Tant kont ili nigi rifjutat li tlift il-hagga naturali li kelli'* [5]. Hi ma ghamlitx sforz biex tirranga. *'La darba kont mizzewweg ridt it-tfal*[6] *; tiweled tifel wara tlett snin u kien ferah tant li 'l-problemi li kelli ma' C warrabthom fil-genb sabiex niddedika hini ghat-tifel.'*

---

[1] Fols.34-35
[2] Fol.26
[3] Fols.37 -38
[4] Fol.27
[5] Fol.42
[6] Fol.27

L-attur jghid li kien hemm *'nuqqas ta' kompatibilita' fizika'* u jilmenta li dejjem kellu jkun hu biex jibda l-att sesswali Wara t-twelied tat-tarbija, rega' waqa fi bruda, u hesrem iddecieda li jmur lura mid-decizjoni zbljata li kien ha u talab is-separazzjoni. Din l-ahbar kienet hassdet lill kullhadd ghax hadd ma kien basar. Ftit wara beda johrog mat-tfajla li kien johrog maghha qabel sar jaf lill-konvenuta.

Wara it-twlied tat-tifel il-bruda kibret u wara 12 il-sena ma felahx aktar u ddecieda li jissepara u kompla r-relazzjoni, li kien beda waqt li kienu fil-process tas-separazzjoni, mat-tfaljla li kien hareg maghha meta kiellu 17 il sena.

*Verzjoni konvenuta:*
Ghall-konvenuta ir-relazzjoni fl-gherusija kienet normali u kienu jaghmlu l-att taz-zwieg bi prekawzjoni. Kien ikun hemm mutual consent ghall-att, qatt ma irrifjutatu i 'ir-rifjut minn naha tieghu sar ftit taz-zmien qabel li avvicinani li jrid jissepara. '*Hemmhekk kien hemm qisha sort of, kif nista' nghid a cold shoulder speci.*'Tiddeskrivi dan l-agir, qabel is-separazzjoni bhala *'Bruda ezatt dik il-kelma'*[7]. Tikkonsidra lilha innifisha kollox barra bierda u tghid li l-attur qatt ma qal li ma kienx kuntent. Fil-fatt hija kienet issoprendiet ruha mhux ftit meta qallha li ried jissepara.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet, taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta.

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu ta' eta ta' 25 sena, eta' li hija prezunta l-maturita biex persuna tidhol ghaz-zwieg. Kienu ilhom gharajjes 7 snin u li matul dan iz-zmien, wara ftit xhur bdew ikollhom relazzjonijiet intimi. Ippreparaw ghaz-zwieg flimkiem billi sentejn qabel hadu *bank loan*, u xtraw id-dar matrimonajli.

Kien l-attur stess li talab lil konvenuta biex jizzewwgu imma jzied jghid li dan ghamlu ghax kien *'in-next step.'* Jistqarr li zzewweg ghax iddejjaq gharus u ghax '*'ma nafx*

[7] Fol.54

*x'se jigri minni fil-hajja*.' Kif ukoll ghaliex ukoll dejjem xtaq li jkollu familja.

Waqt il-hajja konjugali l-partijiet intefghu jahdmu b'ruhhom u b'gisimhom, izda kien hemm waqtiet meta kienu jkunu flimkien bhal per ezempju fl-isports u *weekends* Ghawdex. L-inkwiet donnu beda meta l-ex-habiba tal-attur mardet, u bidet diehla l-bruda minn naha ta' l-attur lejn il-konvenuta, sakemm hesrem l-attur iddecieda li jissepara.

Mix-xhieda tieghu stess l-attur jammetti li fil-mument tal-kunsens kien hemm riflessjoni, ittiehdet decizjoni u kien hemm discrezzjoni ta' gudizzju : *' imbaghad speci ghidt daqshekk, it's not going to improve din is-sitwazzjoni u zzewwigtha minhabba f'hekk ghax jiena xtaqt li jkolli familja……..Ipprevedejt li jghaddili din il-passjoni, speci nikkalma.'* (Folio 46)

Jigi osservat li l-fatt li wiehed ikollu f'mohhu li jsieb *'Il-mara ideali'* umbaghad jigi dizappuntat ghax ma jsibhiex ma jfissirx li l-kunsens tieghu ghaz-zwieg kien diffettuz b'xi vizzju. L-attur jistqarr li 'J*iena xtaqt ikolli familja normali, inkun ragel tal-familja bla problema ta' xejn imma ma sibtx il-partner ideali.'* [8]

Meta l-attur rega' iltaqa mal ex-habiba tieghu – fil-fatt jammetti li kien zamm kuntatt mat-tfaljla li kellu qabel l-gherusija *'ghax kienet tahdem l-isptar u kellha mard u kienet tigi ghandi ghax kellha bzonn kura gravi u kont nafha b'hekk biss.* (Folio 46 - 49) u hass ghaliha ghax kienet mardet, bil-konsegwenza li beda jibred bruda fil-konfront ta' mart li allura beda jarah hoxna u mhux aktar attraenti. Fittex il-mument biex jissepara u jkompli fir-relazzjoni gdida li kien beda ; u wara, ghamel tentattiv fjakk sabiex jipprova jivvizzja kunsens li kien validu meta nghata.

Minn naha tal-konvenuta, ukoll ma rrizultawx fatti li jwassu ghall-caput nullitatis formanti l-bazi tal-kawzali li fuqha l-attur ghamel it-talba tieghu.

---

[8] Fol.s.64 - 65

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------